MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 397/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Ewdward Maggi u l-istess Edward Maggi**
**vs**

**Keith Gauci Maistre**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fl-20 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm889.00) u dana in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u disgha u sittin lira Maltija (Lm869.00) lis-socjeta` attrici assikuratrici u ghoxrin lira Maltija (Lm20.00) lil Edward Maggi, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EAV-147 fit-3 ta' Gunju, 2000, gewwa Paceville, habat mal-vettura numru IAD-028 propjeta` ta' Edward Maggi u kkaguna**

**danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju, 2001 kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 ta' Mejju, 2002 fejn intqal illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba tas-socjeta` attrici ghaliex mhux minnu illi hu kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dana ghaliex is-sewwieqa tal-vettura numru IAD-028 naqset milli zzomm "a proper look out" fil-lokal in kwistjoni fejn gara l-incident.**

**Semgha x-xhieda ta' Laura Maggi, PS547 Martin Agius, Keith Gauci Maistre. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tas-5.45pm, fi Triq Dragonara, San Giljan. Involuti fl-incident kienu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAD-028 proprjeta` ta' Edward Maggi u misjuqa minn Laura Maggi bint l-istess, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAV-147 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Laura Maggi kienet gejja mir-roundabout ta' Paceville miexja fil-karreggjata taghha fid-direzzjoni tad-Dragonara b'xi 20-30kfs. Hi familjari mat-triq u toqghod f'dawk l-akkwati. Kien hemm vetturi parkeggjati fuq ix-xellug taghha u kienet waslet hdejn l-All Stars restaurant li jinsab fil-kantuniera ta' Dragonara Road. Meta avvicinat il-kantuniera hi bbrejkjat. Tghid hekk:**
**"Meta avvicinajt il-kantuniera jiena bbrejkjajt, pero` lanqas ma kelli cans nieqaf malli gara l-accident.**

**Jiena bbrejkjajt qabel ma rajt il-vettura l-ohra. Ibbrejkjajt xi zewg jew tlett metri qabel ma rajt il-vettura l-ohra.**
**Il-karrozza tal-konvenut rajtha l-ewwel darba malli dar il-kantuniera u habat fija."**
**Skond Laura Maggi f'daqqa wahda giet il-karrozza tal-konvenut minn St.George's Road, kiser fsalt u habat fiha. L-attrici tiddeskrivi hekk il-mod kif il-konvenut dar il-kantuniera: "He cut the corner." B'hekk malli kiser sabithu quddiemha.**
**3. Il-konvenut jghid li kien wasal hdejn il-faccata ta' l-entratura ghad-Dragonara, xeghel l-indicator, kiser fuq il-lemin u sab lill-attrici f'nofs it-triq. Skond il-konvenut:**
**"Kont dort bil-mod. Ma tantx hemm veduta tajba biex tara l-karrozzi telghin."**
**Jghid ukoll li zamm "brake" zghir, u li kien dahal tul ta' cirka zewg karrozzi l-gewwa go triq Dragonara qabel ma sar l-impatt.**
**4. Is-Surgent tal-Pulizija PS547 Martin Agius xehed li t-triq li minnha kienet gejja l-attrici dak iz-zmien kienet "two way".**
**5. Bhala danni l-attrici kellha hsara fuq quddiem, fuq il-mudguard, fanal u indicator tal-lemin u fuq il-bonnett in-naha tal-lemin u fuq il-bumper. Il-konvenut kellu danni wkoll fuq quddiem, fuq il-fanal, indicator u grid in-naha tal-lemin, kif ukoll fuq il-bonnett u l-bumper.**
**6. Issa t-Tribunal qed jaghti mportanza kbira ghall-isketch esibit kif ukoll ghad-danni subiti. Minn dan jidher li hi aktar verosimili l-versjoni ta' l-attrici fis-sens li l-konvenut qata' ghad-dritt meta qed idur ghall go Triq Dragonara, u b'hekk gie fsalt quddiem l-attrici. Ma kellux hin iwaqqaf, ghalkemm zamm il-"brake" u sehhet il-kollizzjoni.**
**7. Jirrizulta li l-attrici ma ghamlet xejn barra minn normal, kienet miexja fil-karreggjata taghha b'velocita` normali, anke jekk necessarjament f'nofs it-triq minhabba li ma setghetx taghmel mod iehor ghax kien hemm il-vetturi parkeggjati fuq ix-xellug taghha. L-attrici jista' jkun li ma waqfitx hesrem, pero` hi giet rinfaccjata fsalt bil-vettura tal-konvenut, u malli**

**ratu sehhet il-kollizzjoni. Dana jkompli jindika kemm ma kellux vizwali tajba il-konvenut.**

**8. Issa il-fatt li l-konvenut ghamel s-senjalazzjoni li ser idur ma jiskagunahx mir-responsabilita` li, konsegwenti ghal dik is-senjalazzjoni, huwa jaghmel il-manuvra kif suppost. In kwantu hu ried idur ghal go Triq Dragonara, il-konvenut kellu definitivament jigbed aktar lejn ix-xellug ta' St. George's Road sabiex hekk ikollu vizwali aktar tajba ta' vetturi li setghu kienu gejjin minn Triq Dragonara. Ex admissis, il-konvenut ma kellux vizwali tajba minn fejn kien qed jikser, u ghalhekk kien jinkombi fuqu, li jigbed aktar lejn ix-xellug u li jaghmel il-manuvra bl-akbar diligenza, haga li ma jirrizultax li ghamel. Waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra kien jinkombi fuq il-konvenut li jara li seta' jdur minghajr ma jkun ta' ostakolu ghat-traffiku li jkun gej.**

**9. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta li l-kollizzjoni sehhet minhabba nuqqas tad-debita diligenza da parti tal-konvenut, li ma kienx attent ghat-traffiku li kien gej waqt li qed idur ghall go Triq Dragonara.**

**10. Bhala danni jirrizulta mid-Dok. GM2 li dawn jammontaw ghall-tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) u mhux ghall-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant in kwantu l-konvenut kien jahti unikament ghall-kollizzjoni li sehhet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici assikuratrici s-somma ta' seba' mija u tmenin lira Maltija (Lm780.00) u lill-attur Edwrad Maggi s-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20.00) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju, 2001 kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------